***Ruling* mogħti mill-iSpeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta Nru 166 tat-23 ta' Ġunju 2014**

Fil-bidu tax-xogħol tas-seduta tal-lejla l-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Simon Busuttil, invoka l-Ordni Permanenti 13 u talab il-permess li jressaq l-aġġornament tal-Kamra sabiex tiġi diskussa materja definita, ta' importanza pubblika u urġenti, u għadda lis-Sedja dikjarazzjoni miktuba dwar dan is-suġġett.

Is-Sedja kkonsidrat id-dikjarazzjoni tal-Kap tal-Oppożizzjoni u qieset l-interventi li segwew mill-istess Kap tal-Oppożizzjoni, mill-Onor Carmelo Abela u mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali.

Fid-dikjarazzjoni bil-miktub il-Kap tal-Oppożizzjoni sostna li:

- l-Uffiċċju tal-Ombudsman beda proċeduri legali kontra l-Gvern permezz ta' protest ġudizzjarju fejn qed jallega li huwa qed jiġi mċaħħad minn informazzjoni u dokumentazzjoni neċessarja biex jinvestiga lmenti ta' uffiċjali tal-Forzi Armati li allegaw inġustizzji;

- il-kontroprotest tal-Gvern li rrefera għalih bħala li qed iċaħħad l-Ombudsman milli jaqdi dmiru skont kif mitlub mil-liġi;

- li dan l-aġir tal-Gvern qed jimmina l-Kostituzzjoni ta' pajjiżna u rrefera għal dak li qal l-ex Imħallef Giovanni Bonello li ddeskriva dan l-istat ta' fatt bħala kriżi kostituzzjonali f'intervista li ta f'ġurnal lokali.

Is-Sedja, wara li qieset il-fatturi li ġew sollevati fil-Kamra miż-żewġ naħat, jidhrilha li għandha ssegwi il-prattika kostanti li ġiet sostnuta matul is-snin f'diversi deċiżjonijiet konnessi mal-invokazzjoni ta' dan l-Ordni Permanenti 13.

Is-Sedja tfakkar li kull talba li titressaq taħt l-Ordni Permanenti 13 għandha tissodisfa tliet rekwiżiti, ċjoè li tkun materja definita ta' importanza pubblika u urġenti.

Is-Sedja hija tal-fehma li l-punti ttrattati fid-dikjarazzjoni tal-Kap tal-Oppożizzjoni dwar il-kwestjoni fit-totalità tagħhom jikkostitwixxu mingħajr dubju materja definita u ta' importanza pubblika.

Min-naħa l-oħra meta s-Sedja tikkonsidra l-urġenza, kif qalu diversi Speakers ta' qabli, fosthom l-iSpeaker Lawrence Gonzi fid-deċiżjoni mogħtija fis-seduta 341 tat-12 ta' Frar 1990, is-Sedja għandha tara

> "mhux biss jekk il-materja nnifisha hijiex urġenti iżda jekk din tkunx tant mgħaġġla li l-Kamra jkollha tiddibattiha dak il-ħin għaliex inkella jkun tard wisq jekk tiġi dibattuta fi stadju ieħor."

L-urġenza f'dan il-kuntest tirreferi għall-urġenza ta' dibattitu immedjat u mhux urġenza tas-suġġett tal-mozzjoni.

Is-Sedja ħadet nota wkoll il-protest ġudizzjarju tal-imsemmi Prim Imħallef Emeritus Dr Joseph Said Pullicino fil-kwalità tiegħu ta' Ombudsman Parlamentari, ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2014 u l-kontroprotest tal-Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u tas-Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru kif preżentat mill-Avukat

Ġenerali ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 2014, li ġie mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra illum mill-istess Ministru Emanuel Mallia, fejn is-Sedja tinnota illi hemm diżgwid ċar fuq kif jista' jiġi interpretat l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta. Is-Sedja nnotat ukoll dak li seħħ fil-laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tad-9 ta' Mejju 2014 fejn, u nikkwota mil-Minuti konfermati tal-istess laqgħa:

> "L-iSpeaker iddikjara illi peress li ma kienx hemm qbil huwa kien se jqiegħed il-kwestjoni għall-vot. Fl-10.23 a.m. l-iSpeaker qiegħed il-mistoqsija dwar "jekk l-ittra tal-Onor. Azzopardi għandhiex tiġi riferuta lill-Ombudsman għal aktar investigazzjoni tiegħu".
>
> Il-Kumitat ivvota hekk:
>
> | | |
> |---|---|
> | **Votazzjoni Nru: 1** | **Ħin: 10.23 a.m.** |
> | **Favur: 2** | **Kontra: 3** |
> | L-Onor. | L-Onor. |
> | Agius David | Abela Carmelo |
> | de Marco Mario | Agius Decelis Anthony |
> | | Mallia Emanuel |
>
> Il-proposta kif ippreżentata fil-mistoqsija m'għaddietx."

Għalhekk fir-rigward tal-każ odjern, is-Sedja hija tal-fehma li għalkemm il-kwestjoni fiha nfisha hija ta' natura importanti u ċertament titlob

dibattitu, liema dibattitu l-Gvern huwa propens li jagħmel wara d-dikjarazzjonijiet li saru mill-Onor Carmelo Abela u mill-istess Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali, min-naħa l-oħra l-kriterju ta' urġenza kif miftiehem u applikat bi prassi kostanti ma huwiex sodisfatt f'dan il-każ.

Is-Sedja m'għandha qatt tistrieħ fuq opinjonijiet kif rapportati fil-mezzi tal-media imma għandha tistrieħ biss fuq l-Ordnijiet Permanenti u l-prassi tal-Kamra ġa ċitati.

Dan b'differenza għall-ordnijiet permanenti tal-House of Commons, referibbilment l-ordni permanenti 24(6) li tgħid:

> "The Speaker shall state whether or not he is satisfied that the matter is proper to be discussed without giving the reasons for his decision to the House."

Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi attwali l-urġenza mhijiex tali li tiġġustifika s-sospensjoni tax-xogħol ipprogrammat tal-Kamra u għalhekk is-Sedja ma tistax tilqa' din t-talba.

Is-Sedja madankollu terġa' tħeġġeġ lill-partijiet biex jaslu għal data biex jinżamm dan id-dibattitu.